# QORTI TAHT HAJT

Ma nafx baqax min jafha, ħlief dak li qalhieli. Baqgħet dejjem ġo moħħi din il-ħrafa minn ta' misserijietna. Kollha hekk dawk il-ħrejjef: fihom id-daqxejn taċ-ċajt, iżda fihom ukoll it-tagħlima tagħhom. Ara din tfakkrekx f'dik tal-Kotba Mkaddsa ta' Salamun u 'ż-żewġ nisa li tlewwmu fuq ta' min kienet it-tarbija l-mejta, u ta' min il-ħajja.

Wistin kien jaħlef li dik ix-xkora maħluġ li naqsitu· Marozz kien indafar biha: kien rah għaddej bix-xkora fuq spalltu u x-xkejjer tiegħu Wistin kien jagħrafhom. Iżda xiehda ma kellux. Wasslu, lill-Marozz, u t-tnejn, meta wasal il-waqt, telgħu quddiem is-sindku.

Ma kienx hemm xi tgħid wisq. Wistin għamlu tiegħu: ħalef li ma kienx qiegħed igħid għajr is-sewwa. Iżda xiehda ma kellux: x'ridtu jagħmel, is-sindku?... U Wistin tilifha...

—Hsibtu jien—qal minn taħt il-lsien xħin qabad biex joħroġ il-barra—u ħaqqni; għax kien messni qabbadt imħallef ta' taħt il-ħitan, u kont nirbaħha...

—Xinhu?—staqsa s-sindku.

—Xejn, sinjur — wieġeb Wistin — kont qiegħed ingerger waħdi, minn xortija, dik il-ħażina, li għandi...

—Min huma dawn l-imħallfin ta' taħt il-ħitan?—staqsa s-sindku.

—Nies xjuħ, sinjur—wieġeb Wistin bir-rogħda—li għandhom id-dehen tal-Bambin biex jagħirfu min hu ħati u min mhux. Jintasablek fuq ġebla taħt ħajt, u kull min imur quddiemu, malajr ikun jaf mnejn għandu jgħaddi biex jieħu li ħaqqu...

—Nixtieq inkellem lil xi wieħed — is-sokta s-sindku, li, milli jidher, ma kienx imħabbat wisq dak inhar—ħa' nara x'kien jagħmel għalik li kien minni.

—Issa li hemm hemm...—wieġeb Wistin imgeddem. U dar biex joħroġ. Iżda s-sindku żamm lil kull ħadd, għax ried jara u jisma lill-imħallef ta' taħt il-ħitan... Sabu wieħed u ġibuh quddiemu: daqxejn ta' xwejjaħ, ftit imgħawweġ biż-żmien, jitwieżen b'ħatar oħxon; għajnejh irqâq iżebbġu; bi tbissima fuq xofftejh.

Is-sindku daħaklu, qallu bil-biċċa tax-xkora maħluġ u staqsieh:

Kif kont tagħmel, nann, li kieku dawn it-tnejn ġew quddiemek, kif kont taqtagħha? Wistin ma għandu l-ebda xhud.

—Inti lil min rebbaħtha?—staqsih ix-xwejjaħ.

Lil-Marozz—wieġeb is-sindku.

—Iva 'l dak, anqas għandu Kuruna tar-Rużarju fil-bût!...

—M'għandix Kuruna?!... Ħa'—Qabes Marozz sħun, sħun. U malajr ħareġ Kuruna, qabada mid-Domna u xenxilha f'wiċċ ix-xiħ. Dak ħatafhielu minn idu, u dar lejn is-Sindku:—

—Ħa' qallu; ibgħad lil min jidhirlek għand il-mara ta' Marozz; għidlu juriha 'l Kuruna u jitlobha x-xkora ta' Wistin.

Hekk għamlu. Mar wieħed id-dar ta' Marozz, ħabbat u fetħet Rożi.

—Qallek Marozz, ibagħtlu dik ix-xkora ta' Wistin—qallha dak—Ħa' l-Kunura ta' Marozz biex temminni li hu bagħtni.

—Nemmnek ingħid—wieġbet Rożi mismuta... Ma għidtlux li jinqabad... Ħa' mmur inġibhielek...

Ma kienx hemm għalfejn, għax beżqet kollox, u mingħajr ma riedet qdiethom mill-aħjar, lil Wistin u l-ħabib tiegħu l-imħallef. Iżda x-xkora ġibitha wkoll; ta' Wistin, kollha kemm hi, għad li battala.

—Ħa'—qaltlu lir-raġel; din hi. Ħudhielu, u għidlu jfittex jiġi 'l hawn: narrah isalva ruħu!...

U rebaħha Wistin.

Ferd. Calleja.

✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻✻